Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TLIETA U TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 2 ta' Ġunju 2010

**Ħin:** Mill-5.35pm sas-7.25pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio (wasal fis-5.55pm)

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tnejn u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tnejn u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 12 ta' Mejju 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tnejn u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 12 ta' Mejju 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti.**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill *timeline* dwar il-proġett ta' Wesgħa l-Prof. Guze' Aquilina (mehmuz). Kopja ngħatat lill-Kunsillier qabel il-laqgħa.

   Il-Kunsillier G. Borg qal li huwa ma jaqbilx li l-uffiċċju tal-Kunsill jsir fuq in-naħa ta' Triq Bir Bal għax ikun il-bogħod mill-pjazza u jkun jiġi aktar il-bogħod mill-uffiċċju preżenti għar-residenti.

   Is-Sindku nnota li l-pjanti u l-permess inkiseb wara deċiżjonijiet ta' Kunsilli matul l-aħħar ħdax il-sena bi qbil unanimu u ma jistax ikun li f'daqqa waħda għax xi ħadd ma jgħoġbuhx il-pjanti nispiċċaw inbiddlu l-pjanti u nibdew kollox mill-ġdid. Saret diskussjoni fuq din il-materja u ġie deċiż b'mod unanimu li nitolbu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said biex nitkelmu dwar id-devoluzzjoni ta' l-art biex isir il-proġett u biex naraw kemm ser jagħtuna mill-art f'Wesgħa l-Prof. Guze' Aquilina.

2. Ir-residenta li toqgħod f'Palazzo Olivier talbet li jitqiegħdu *bollards* quddiem il-bieb tad-dar tagħha sabiex ma jipparkjawx karozzi b'tali mod li jostakolaw il-bieb tad-dar tagħha. Il-kaxxa safra li kienet saret quddiemha nbidlet *f'motorcycle parking bay*. Il-Kunsill ma laqgħax it-talba peres li jista jinħoloq preċedent.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi residenti ta' Triq Bir Bal kienu qed jilmentaw li l-*overflow* tal-giebja li hemm taħt il-propjetajiet li jinsabu fi Triq Bir Bal kantuniera ma Triq San Frangisk qed joħroġ għal-Triq Bir Bal, bil-konsegwenza li dan qed jittajjar mill-karozzi li jgħaddu u dan mhux meta tkun niezla x-xita imma fil-bnazzi. L-istess resident issuġġerixxa li jsir *gutter* fil-bankina sabiex l-ilma jinżel dritt għal ġo l-isprall ta' l-ilma tax-xita li hemm fit-triq. Il-Kunsill innota li ma għandux oġġezzjoni li dan il-*gutter* jew *pipe* moħbi fil-bankina jsir sakemm jinkiseb il-permess tal-Malta Transport peres li t-triq taqa taħt ir-responsabilita' tagħħhom.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi nħarqu erba' *bins* tal-*bring-in-site* ta' Wesgħa l-Prof. Guze Aquilina fil-lejl ta' l-14 ta' Mejju 2010. Għal-mistoqsija tal-Kunsillier Cassar dwar xi spejjes hemm, is-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li dawn mikrija mingħand il-WasteServ u inxurjati minnhom u l-ispiza għal-Kunsill hija li jridu jgħidulna jekk jkun hemm bżonn *top-up* fuq l-*insurance.*

5. Il-*brief* dwar l-applikazjzoni tal-Kunsill għal-fondi ta' l-EU biex tiġi rranġata l-pjazza li ntbagħat lill-Kunsillier Dr. T. De Giorgio li minn naha tiegħu bagħtu lis-Segretarju Parlamentari Dr. C. Said.

6. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea talab lis-Segretarju Ezekuttiv tivverifika jekk hemmx bzonn ta' xi permess biex jinbiegħ xorb alkoholiku waqt l-attivita' Lejla Balzanija.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kuntrattur infurmana li l-lampa ta' wara l-knisja mhiex aċċessibbli għal-*high-up*, għaldaqstant ma jistax jagħmillha *shade*. Il-Viċi-Sindku nnota li l-lampa mhux wara l-Knisja qeda imma mal-ħajt ta' dar numru 100 fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju Ezekuttiv innotat li jekk id-dettalji ma jingħatawx sew il-Kunsill jispiċċa jħallas flus biex il-kuntrattur imur fuq il-post żbaljat.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunisll illi talbet lill-kuntrattur jagħtina stima biex titqiegħed *armco barrier* quddiem *Macey Store* u qed nistennew il-kwotazzjoni biex tiġi ordnata.

9. Fuq il-medja tal-Kunsill tqiegħdet kopja tas-*survey* li sar mill-MRRA dwar skart kummerċjali fil-lokalita' ta' Ħal Balzan (mehmuz).

**Il-Kunsillier Dr. T. De Giorgio wasal f'dan il-ħin.**

10. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi llum stess bagħtet ittra miċ-Chief Executive tat-Trasport Malta biex jara għaliex it-talbiet b iex jinħarġu permessi mhux jiġi pproċessati u lanqas appuntamenti għal-laqgħat ma ngħataw minkejja li għadda ħafna żmien. Il-Kunsill qed jistenna laqgħa dwar "*No Entry* fi Triq San Frangisk u Triq San Gabriel u biex niddiskutu *resurfacing* ta' l-estenzjoni ta' Triq Antonio Bosio.

11. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi attenda għal-laqgħa ta' informazzjoni dwar l-iSkema ta' Għajnuna Finanzjarja għal-Korsijiet *Lifelong Learning*. Il-Kunsillier G. Borg għandu jitkellem mal-Kap ta' l-Iskola Lija / Balzan biex naraw jekk tistax tiġi wzata l-iskola Primarja Lija / Balzan u fil-kaz li iva nibdew naħdmu biex isiru xi korsijiet.

12. Il-Kunsillier T. De Giorgio informa lill-Kunsill illi l-appell li kellu jinstema llum mill-MEPA fuq l-applikazzjoni biex jinbnew appartamenti fi Triq San Frangisk kantuniera ma Triq San Gabriel ġiet diferita għas-17 ta' Novembru 2010. Il-Kunsillier Dr. T. De Giorgio informa lill-Kunsill illi s-sidien tal-post li qed jitolbu li jinħarġilhom il-permess biex jibnu l-appartamenti fetħu kawza lill-MEPA, liema kawza ġiet milqugħa, biex iwaqqfu lill-MEPA milli tbiddel is-Central Zone Local Plan, għaldaqstant il-MEPA bilfors trid tikkunsidra l-applikazzjoni li saret fuq il-pjan lokali mhux mibdul. Is-sidien għandhom il-possibilita' li jitfħu kawza kontra l-MEPA għad-danni talli ma ħaditx deċiżjoni fuq l-applikazzjoni s'issa u jekk dan ma jsirx allura d-deċiżjoni tal-qorti li twaqqaf lill-MEPA milli tbiddel il-pjan lokali taqa'. Il-Kunsillier Dr. T. De Giorgio talab lill-Kunsill jieħu parir legali biex naraw jekk jistax il-Kunsill jidħol parteċipi fil-kawza li tinfetaħ jekk din eventwalment tinfetaħ.

13. Il-Kunsillier Dr. T. De Giogio informa lill-Kunsill illi nhar il-Ġimgħa li għaddiet, ċempillu Mathew Xuereb mit-Times biex jistaqsi x'inhi l-pozizzjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni bin-numru 3258/09 u cioe' dwar l-iżvilupp propost fuq propjetajiet 57/58/59/60 fi Triq il-Kbira peres li s-Sindku kien imsiefer huwa żammu infurmat b'dak li kien qed jiġri.

    Dr. T. De Giorgio infurmaħ illi l-Kunsill mhux kontra li jsir żvilupp imma jekk isir żvilupp dan irid isir skond il-liġi u l-Kunsill kien bagħat ittra lill-MEPA fejn tqajmu xi punti li l-MEPA għandha tikkunsidra waqt li tkun qed tistudja l-applikazzjoni. Kopja ta' l-ittra ngħatat lill-ġurnalist għal-informazzjoni tiegħu. L-għada l-ġurnalist kellu appuntament biex jiltaqa ma Daniel Muscat wieħed mir-residenti u s-Sur Xuereb stieden lill-Dr. De Giorgio biex jattendi ukoll. Dr. De Giorgio sar jaf mingħand residenta li s-Sur Muscat ġabar petizzjoni ta' madwar 40 firma u meta sar jaf huwa ġibidlu l-attenzjoni illi kieku talab l-għajnuna tal-Kunsill mhux 40 firma kien jiġbor imma 450 bħal ma sar fil-kaz tal-bini ta' appartamenti fi Triq San Frangisk / San Gabriel. Jidher li xi persuni qajmu xi għidud li s-Sindku ma jridx jagħmel oġġeżżjoni peres li huwa t-tabib tad-ditta Polidano Group u dan mhux minnu għax il-Kunsill fl-aħħar laqgħa stess, fil-preżenza tar-residenti qara l-ittra li kellha tintbagħat lill-MEPA.

    Il-Kunsill unanimament qabel li jibgħat estratt tal-minuti li jirreferu għad-diskussjoni fuq il-kaz, flimkien ma nota dwar liema residenti kienu preżenti għal-laqgħa u kopja ta' l-ittra li ntbagħtet lill-MEPA, lir-residenti kollha li joqgħodu fi Triq il-Kbira bejn il-Pjazza u Triq San Frangisk, inkluz Sqaq Numru 1 fi Triq il-Kbira.

## 3. <u>Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn it-13 ta' Mejju 2010 u it-2 ta' Ġuinju 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ippreżentata li jġib id-data tat-2 ta' Ġunju 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 494:** Memo 73/2010 dwar Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf ġiet innutata. L-Kunsill ser jieħu sehem.

**Ittra Numru 493/10:** L-ittra tal-Perit Valentino li qed jikteb ittra ta' oġġezzjoni lill-MEPA għan-nom tar-residenti dwar l-applikazzjoni bin-numru 3258/09 u cioe' dwar l-iżvilupp propost fuq propjetajiet 57/58/59/60 fi Triq il-Kbira, ġiet innutata.

**Ittra Numru 486/10:** Il-permess ta' l-Transport Malta biex jsiru *chevrons* u *roundels* fi Triq Bir Bal ġie innutat.

**Ittra Numru 482/10:** L-ittra mill-*Greenpak* dwar it-tqassim ta' *green bags* lir-residenti ġiet innutata. Nhar il-Ħamis, 3 ta' Ġunju 2010 r-rapprezentanti tal-Greenpak li ser iduru d-djar ser ikollhom laqgħa ta' introduzzjoni mal-Kunsill u jibdew iqassmu l-boroż.

**Ittra Numru 479/10:** Il-lista ta' applikazzjonijiet ġodda li saru lill-MEPA ġiet innutata.

**Ittra Numru 478/10:** L-ittra mill-MEPA dwar ksur ta' kontroll ta' zvilupp f'numru 99/101 fi Triq Bir Bal ġiet innutata.

**Ittra Numru 460/10:** L-ittra mill-Scuola di Pallavolo ġiet innutata. Il-Kunsillier Dr. T. De Giorgio informa lill-Kunsill illi wasal tard għal-laqgħa peres li ltaqa ma' l-organizatur. L-organizzaturi jixtieq l-għajnuna tal-Kunsill billi jiġu pprintjati *posters black and white* u bil-kulur u fl-isess ħin din tkun ta' publiċita' għal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta. L-attivita' ser issir fil-pjazza, li ser tingħalaq għat-traffiku, nhar is-Sibt, 26 ta' Ġunju 2010 bejn it-8.00am u 12.00pm.

**Ittra Numru 459/10:** L-ittra mill-KNZ ta' stedina biex inħeġġu zgħazagħ jipparteċipaw fil-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ ġiet innutata. Kopja ta' l-istedina ser tingħata liċ-Ċentru taż-Żagħżagħ.

**IttraNumru 458/10:** L-ittra mill-MEPA dwar ksur ta' kontroll ta' zvilupp f'numru 2 fi Sqaq Numru 3 fi Triq il-Providenza ġiet innutata.

**Ittra Numru 450/10:** Il-permess tat-Transport Malta biex l-iSTOP *marking* fi Triq San Frangisk kantuniera ma Triq Bir Bal jinżebgħu mal-linja ta' barra tal-*parking bays*, ġiet innutata.

**Ittra Numru 442/10:** L-ittra ta' oġġezzjoni, ffirmata "cittadin" dwar l-applikazzjoni bin-numru 3258/09 u cioe' dwar l-iżvilupp propost fuq propjetajiet 57/58/59/60 fi Triq il-Kbira, ġiet innutata.

## 4. <u>Rapport dwar l-ilmenti.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport dwar l-ilemnti pendenti li jġib id-data tat-2 ta' Ġunju 2010 (mehmuz).

**Ilment Mingħajr Numru 1:** Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi kellu talba minn persuna anzjana biex titbaxxa t-tarġa li hemm mal-passaġġ fuq is-*centrestrip* fi Vjal De Paule, minn fejn jaqsmu n-nies għax hija għolja wisq. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-arja taħt il-Gvern Ċentrali u kienet ser tavza lill-min huwa responsabbli. Il-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea qal li dik ħaġa żgħira u jistgħu jagħmluha l-ħaddiema tal-Kunsill.

**Ilment Mingħajr Numru 2:** Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hemm diversi talbiet fil-lista ta' ilmenti biex jiġu rranġati toroq fosthom Triq il-Kbira qrib Tikabu Ironmongery, il-Wied ta' Ħal Balzan, Triq il-Ferrovija l-Qadima. Hija nnutat li fuq toroq mill-estimi finanzjarji għadu ma sar xejn ħlief *patching* ta' emergenza u s-sena diġa għaddiet nofsha, għaldaqstant wieħed jeħtieġ li jagħmel pjan biex naraw liema xogħol ser jingħata priorita'. Fuq irrangar ta' toroq irridu nonfqu €45,000 li mhiex somma kbira u tablet lill-Kunsill jieħu deċizjoni liema triq ser issir. Hija nnutat li triq li ma ssemmiet qatt u tinsab fi stat dizastrus hija Triq it-Tabib Zammit bejn Triq il-Wied ta' Ħal Balzan u Triq il-Papa Piux XII. Hawnhekk is-Sindku qal li peres li toqgħod ommu f'dik it-triq huwa mhux ser jieħu sehem fis-diskussjoni. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea qal li veru li Triq it-Tabib Zammit kienet impossibbli biex tagħmlilha *patching* u huwa stess ser jipproponi li ssir dik it-triq. Huwa kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. De Giorgio.

Il-mozzjoni għaddiet unanimament. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikseb stima qabel ma jsir ix-xogħol.

Il-Kunsillier Dr. T. De Giorgio qal li kien fuq program fuq ir-radju li għalih kien ukoll mistieden s-Segretarju Parlamentari Dr. C. Said u wieħed mis-suġġetti trattati kien xogħol fuq toroq ġodda mill-Gvern Ċentrali u talab li nibgħatu talba biex issir l-estenzjoni ta' Triq Antonio Bosio b'xi ritratti u anki nagħmlu kaz biex issir Triq il-Ferrovija l-Qadima, għalkemm din mhiex triq li trid issir mill-ġdid. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret lill-membri li l-Kunsill diġa għamel talba biex isiru xi toroq u r-risposta kienet negattiva. Il-Kunsill unanimament qabel li waqt il-laqgħa li ser nitolbu mas-Segretarju Parlamentari jitqajmu ukoll dawn iż-żewġ talbiet.

**Ilment Mingħajr Numru 3:** Il-Kunsillier Dr. T. De Giorgio talab lill-Kunsill jikteb lill-University Residence u lill-Pulizija biex jiġbed l-attenzjoni illi studenti amerikani qed jgħaddu minn Triq San Valentinu fi triqthom lura lejn University Residence u joqgħodu jħabbtu l-bibien tard matul il-lejl.

**Ilment Numru 17010075124499:** It-talba biex jiġi aġġustat l-*handrail* li hemm ħdejn il-*barrier* li hemm quddiem il-muzew tal-bniet ġiet miċħuda minħabba li tkun ta' aktar periklu milli ssolvi problemi.

**Ilment Numru 17010037124498:** It-talba biex jitneħħa l-*parking* fuq naha waħda ta' Triq Guze Bonnici ġiet miċħuda imma l-Kunsill unanimament approva li titqiegħed tabella ta' priorita' fil-kantuniera ta' Triq Guze Bonnici ma Triq Wiġi Ebejer sabiex min jkun ġej minn Triq Balaguer ikollu d-dritta.

**Ilment Numru 17010006124338:** Ilment dwar *parking* ta' *high-up* fl-għalqa tal-Joint Office f'Wesgħa l-Prof. Guze' Aquilina għandu jiġi rreferut lill-Pulizija.

**Ilment Numru 17010043124860:** Talba biex Vjal il-Bon Pastur bejn Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq Bir Bal ssir *one-way* lejn Triq Bir Bal peres li l-*junction* ma Triq il-Ferrovija l-Qadima hija perikuluza. Il-Kunsill ma laqgħax it-talba peres li fil-passat meta kien hemm dik il-proposta r-residenti kienu kontra tagħha.

**Ilment Numru 17010033125088:** Talba biex Triq il-Ferrovija l-Qadima tingħata wiċċ ġdid. Il-Kunsill innota li aktar kmieni waqt il-laqgħa ġie deċiz li l-materja ser titqajjem waqt il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr. C. Said.

## 5. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-2 ta' Ġunju 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €1,896,72 u skeda ta' l-infieq mill-Petty Cash li sar għax-xahar ta' Mejju 2010 li jammonta għas-somma ta' € 24.44. . .

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mis-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea.

Il-Kunsill unanimament approva l-ħlasijiet li saru qabel il-laqgħa u li jsiru l-ħlasijiet li kien għadhom ma sarux. L-iskeda ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**6. Affarijiet Oħra.**

Dr. T. De Giorgio li kien issekondat mis-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ talba għal-kwotazzjonijiet biex issir is-Sustainable Energy Action Plan li tifforma parti mill-ftehiem tal-Patt tas-Sindki. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tieħu ħsieb tagħmel l-avvizi neċessarji.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 23 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data